

kitba ta' Lorenzo Zahra

# Qima lejn San Nikola fil-Birgu

Jiena diġà ktibt dwar il-qima li kien igawdi San Nikola ġewwa l-Birgu fl-imgħoddi. Hekk kont ktibt dwar il-Knisja li bena l-Gran Mastru Nikola Cottoner fil-Fortizza tar-Ricasoli, kitba li dehret fil-programm tal-festa tas-sena 2000.

Iżda din id-darba rrid inżid li San Nikola kien meqjum ukoll mill-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu fil-Knisja tal-Madonna Annunzjata. Huwa magħruf li fil-Birgu mal-qedem tal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz kellna knisja qadima ddedikata lill-Madonna u li kienet imexxija minn grupp ta' ġentlomi li xi sentejn qabel il-wasla tal-Kavallieri fil-Birgu kienu taw il-Knisja li kienu jieħdu ħsiebha lill-Patrijiet Dumnikani. Dawn allura ġew fil-Birgu fl-1528, imma kien ġara li sentejn biss wara din, il-Knisja saret il-parroċċa tal-Birgu billi San Lawrenz kienu ħaduh f'idejhom l-Ordni ta' San Ġwann.

Mela fil-Knisja Parrokkjali tal-Annunzjata tal-Birgu dik il-ħabta kien hemm 16-il artal, kollha dedikati lill-qaddisin differenti. Din il-knisja billi kienet qdiemet ħafna, fis-sena 1638 reġgħet ġiet mibnija aħjar u mkabbra. Meta din kienet lesta fis-sena 1641 ċeru sinjur, Nikol Cilia mill-Birgu, ħaseb biex għamel artal dedikat lil San Nikola. Hekk baqgħet tinxtered minn dak iż-żmien il-qima lejn dan il-Qaddis.

Dan is-Sinjur Nikola Cilia kien it-Tabib prinċipali tal-gżira u meta miet ġie midfun fl-istess knisja tal-Annunzjata f'idejn id-Dumnikani. Kien benefattur tal-Foqra tant li kien ħalla legati wkoll lill-Fratellanza tal-Karità tal-Belt. Huwa ħalla l-qima dejjem tinxtered. Iżda billi huwa kien tabib wara xi żmien ħaseb biex fl-artal żied kwadru ta' San Gożma u San Damjan, iż-żewġ protetturi tat-tobba; dan il-kwadru kien tal-Paladin, imma fil-Gwerra safa meqrud. Nifhmu li wkoll il-kwadru ta' San Nikola li seta' kien miżmum fil-Kunvent ġie safa meqrud. Il-Birgu tilef teżori rreparabbli għal ġrajjietna.

Referenzi:
Melta Historica Vol II No 1 p. 27
Fr Fsadni OP. – Id-Dumnikani fir-Rabat u l-Birgu.

